Nru./No. 20,761
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 3 ta' Jannar, 2022
Monday, 3rd January, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Gvern 1
Notices *1*

Avviżi tal-Qorti ..... 1 - 4
Court Notices ..... *1 - 4*

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 20 tar-Regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi ma ġiet ippreżentata ebda kandidatura għall-elezzjoni każwali ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati għat-Tielet Distrett Elettorali.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-3 ta' Jannar, 2022

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

Notice

For the purposes of regulation 20 of the Regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act (Cap. 354), the Electoral Commissioners hereby notify that no candidatures were presented for the casual election of a Member of the House of Representatives for the Third Electoral Division.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

3rd January, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, minn din il-Qorti (FS) fis-16 ta' Settembru, 2021, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Smart Technoloġies Limited vs Think Catering Limited, Rikors numru 745/21 FS, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Think Catering Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Smart Technoloġies Limited (C43711) vs Think Catereing Limited (C73383) fid-29 ta' Lulju, 2021, is-soċjetà rikorrenti Smart Technoloġies Limited (C43711) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipproċedi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini ta'l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Think Catering Limited (C73383) debitriċi tas-soċjetà attriċi, fl-ammont ta' dsatax-il elf, tliet mija u wieħed u tmenin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€19,381.46) u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom il-ħlas tas-somma fuq imsemmija lis-soċjetà rikorrenti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kif mitluba fir-rikors kontra s-soċjetà konvenuta inġunta in subizzjoni.

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, by this Court (FS) on the 16th September, 2021, in the records of the Application in the names Smart Technoloġies Limited vs Think Catering Limited, Application number 745/21 FS, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent company Think Catering Limited, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, presented, in the First Hall Civil Court, in the names Smart Technoloġies Limited (C43711) vs Think Catering Limited (C73383) on the 29th July, 2021, the applicant company Smart Technoloġies Limited (C43711) asked this Honourable Court:

1. To proceed to give judgement without proceeding to a hearing of the cause in terms of Articles 167 of Cap 12 of the Laws of Malta;

2. Declare the defendant company Think Catering Limited (C73383) debtor of the applicant company in the amount of ninteen thousand three hundred eighty one euro and forty six cents (€19,381.46) and uphold the other demands in the application amongst which the payment of the sum above mentioned to the applicant company.

With costs and legal interest as demanded in the application against the defendant company summoned so that a reference to its evidence be made.

Ir-Rikors fl-ismijiet Smart Technoloġies Limited vs Think Catering Limited, Rikors numru 745/21 FS, jinsab differit għas-smigħ għas-7 ta' Jannar, 2022, fit-8.45 a.m.

Notifika Intimat: Think Catering Ltd, Il-Pup, 60, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrat Superjuri, illum 31 ta' Diċembru, 2021

AV. FRANK PORTELLII, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

The Application in the names Svmart Technoloġies Limited vs Think Catering Limited, Application number 745/21 FS, has been deferred for hearing to the 7th January, 2022, at 8.45 a.m.

Notify Respondent: Think Catering Ltd, Il-Pup, 60, Triq l-Ifran, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 31st December, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2021, mill-Qorti Prim'Awla fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 792/2021, fl-ismijiet Marvin Gauci et vs Jeffrey Attard ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jeffrey Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet (kreditur) Marvin Gauci (KI 243279M) u Alison Gauci (KI 21992A) vs (debitur) Jeffrey Attard (KI 428673M) fil-25 ta' Mejju, 2021, ir-rikorrenti Marvin Gauci et talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Jogħġobha tordna l-ħrug ta' mandat ta' qbid kontra l-imsemmi debitur għas-somma hawn isfel imsemmija u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura in esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv hawn isfel imsemmi.

Kreditu: sorti €30,000

Imgħax €4124.93 ikkalkulat mill-31 ta' Awwissu, 2019, id-data tal-iskrittura sal-lum oltre mgħaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv.

Spejjeż: €2375.49

Titolu esekuttiv: Skont sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq imsemmija deċiża fil-11 ta' Jannar, 2021 (Dok. A)

Illum 25 ta' Mejju, 2021

Ippreżentant mill-Avukat Reuben Farrugia u l-PL Nicholette Aquilina

Mandat ta' Qbid

Repubblika ta' Malta

By means of a decree of the 4th November, 2021, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Warrant of Seizure number 792/2021 in the names Marvin Gauci et vs Jeffrey Attard the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Jeffrey Attard in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the First Hall of the Civil Court, in the names (creditor) Marvin Gauci (ID 243279M) and Alison Gauci (ID 21992A) vs (debtor) Jeffrey Attard (ID 428673M) filed on the 25th May, 2021, the applicants Marvin Gauci et asked this Honourable Court:

To order the issue of a warrant of seizure against the said debtor for the amounts hereinafter mentioned and for the costs of this procedure, in execution of the executive title mentioned below.

Debt: amount €30,000

Interest: €4124.93 calculated from the 31st August, 2019, the date of the agreement till today besides further interest till the date of effective payment.

Costs: €2375.49

Executive title: according to a judgement of this Honourable Court in the names above mentioned decided on the 11th January, 2021 (Doc. A)

Today 25th May, 2021

Filed by Advocate Reuben Farrugia and LP Nicholette Aquilina

Warrant of Seizure

Republic of Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għal ordni infraskritt;

Int għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat li, mingħajr ebda dewmien, taqbad mingħand id-debitur hawn fuq imsemmi rahan li jiswa daqs id-dejn imsemmija fir-rikors flimkien mal-ispejjeż ta' dan il-mandat kemm-il darba ma jsirx il-ħlas jew ma titqigħedx fir-Reġistru ta' din il-Qorti s-somma msemmija bħal dejn.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat int għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman Duttur tal-Liġi tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 28 ta' Mejju, 2021

Kreditur: 452, Villa Rond, Triq ix-Xagħra ta' Barra, Il-Mellieħa
Debitur: 1, Lara Buildings, Triq Ġużeppi Calleja Calì, L-Iklin

Esekuzzjoni fuq 20000 elf sehem ordinarju li l-intimat għandu reġistrat f'ismu fil-kumpanija Lara Investments Limited (C2444)

Notifika: Reġistratur tal-Kumpaniji, Iż-Żejtun
Malta Business Registry, Iż-Żejtun

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fil-25 ta' Mejju, 2021,

Rat l-Artikoli 282 u partikolarment 285 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,

Tilqa' t-talba u tordna li jinqabdu mil-lok indikat mir-rikorrent l-ishma msemmija fil-mandat meħtieġa biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrenti, kif ukoll li wara l-esekuzzjoni, l-uffiċjal esekuttiv tal-Qorti qed jiġi ordnat sabiex jiffissa flimkien mal-avukat jew prokuratur legali tal-kreditur il-ġurnata tal-bejgħ fl-irkant bil-Qorti wara konsultazzjoni mal-uffiċjal esekuttiv inkarigat.

Tordna, mingħajr ħtieġa ta' awtorizazzjoni ulterjuri, li dan il-mandat għandu jiġi esegwit, jekk hekk meħtieġ, wara sigħat legali u fil-Ħdud u btajjel pubbliċi u jekk wara żewġ

Court Warrant

To Marsahl of the Courts

Whereas the above application has been filed and it contains the elements required according to law for the issue of the orders herein contained;

You are, therefore, on the said application, hereby ordered to seize without delay from the debtor herein mentioned a pledge equivalent to the debt mentioned in the application together with the costs of this warrant should he fail to pay or deposit in the Registry of this Court the amount mentioned in the debts.

And after execution or upon your meeting with any obstacle in the execution hereof, you shall forthwith report to this Court.

Given by the First Hall of the Civil Court and witnessed by Hon Madam Justice Miriam Haymen Doctor of Laws.

Today 28th May, 2021

creditors: 452, Villa Rond, Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa
Debtor: 1, Lara Buildings Triq Ġużeppi Calleja Calì, Iklin

Execution of 20000 thousand ordinar shares that the respondent has registrat in his name in the company Lara Investments Limited (C2444)

Notification: Reġistratur tal-Kumpaniji, Żejtun
Malta Business Registry, Żejtun

The Court,

Saw the application filed on the 25th May, 2021,

Saw Articles 282 and particularly 285 of the Code of Organisation and Civil Procedure,

Uphold the request and orders that the shares referred to in the warrant requred to meet the applicant's claim be seized from the place indicated by the applicant, and that, following the execution, the Court's executive officers are ordered to fix together with the creditors lawyer of legal procurator the date of the sale by auction by the Court after consultation with the executive officer in charge.

Order, without further authorisation, that this warrant be executed, if necessary, after legal hours and on Sundays and public holidays and if after two attempts at execution the

attentati ta' esekuzzjoni l-uffiċjal esekuttiv tal-qorti ma' jirnexxilux jesegwixxi l-mandat huwa qed jiġi awtorizzat jisgassa,

Tirriserva li taħtar esperti biex jivvalutaw il-ħwejjeġ miżmuma jekk ikun il-każ,

Taħtar lill-irkantatur/perit komputista Victor Camilleri li lilu jmiss it-turn, bi ħlas skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Irkantaturi, hekk kif din il-ħatra tkun meħtieġa,

Tordna l-bejgħ fl-irkant bil-qorti ta' dawk l-oġġetti maqbdua u elevati fil-jum stabbilit u dan mingħajr il-bżonn ta' notifika oħra lid-debitur, u dan fit-termini u taħt il-kundizzjonijiet indikati fl-imsemmi artikolu 285 tal-Kap. 12.

Illum l-1 ta' Ġunju, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

executive officer of the court fails executing the warrant is being authorised to force open,

It reserves the right to appoint experts to assess the items held, if any,

Appoint the next auctioner/accountant Victor Camilleri, for a fee, in accordance with the provisions of the Auctionéers Act, as soon as such appointment is required,

Order the sale at court by auction of those seized and elevated objects on the appointed day without the néed for further notification to the debtor, within the terms and under the conditions indicated in the said article 285 of Cap. 12.

Today 1st June, 2021

Registry of the Superior Courts, today 31st December 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3

B'digriet tal-1 ta' Diċembru, 2021, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifiki skont l-artiklu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Lulju, 2021, minn Demar Properties Limited (C34534), Subbasta bin-numru 36/2021 fl-ismijiet Demar Properties Limited (C34534) vs Francesco Rugeri (KI 197316A) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-blokka ta' sitt appartamenti bl-arja relattiva, b'żewġ entrati numerati mija u erbgħa (104) u mija u sebgħa (107), inkluż iż-żewġ garaxxijiet numerati mija u ħamsa (105) u mija u sitta (106), magħruf bħala Highway Buildings, f'Telgħet ix-Xemxija, Ix-Xemxija, eskluži l-appartamenti numru disgħa (9) u għaxra (10) u l-garaxx numru sebgħa (7) fl-istess blokka, irjieħ mhux magħrufa.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Rugeri Francesco (KI 197316A).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 31 ta' Diċembru, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on 1st December, 2021, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 09th July, 2021 by Demar Properties Limited (C34534), Judicial Sale number 36/2021 in the names Demar Properties Limited (C34534) vs Francesco Rugeri (ID 197316A) is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The block of six apartments with relative airspace, with two entrances numbered one hundred and four (104) and one hundred and seven (107), including the two garages numbered one hundred and five (105) and one hundred and six (106), known as Highway Buildings, in Xemxija Hill, Xemxija, excluding the apartments numbered nine (9) and ten (10) and garage numbered seven (7) in the same block, with unknown boundaries.

The said property belongs to Rugeri Francesco (ID 197316A).

Registry of the Superior Courts, this Friday, 31st December, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603